MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 412/2004

**Avviz numru 412/04 DM**

**Maria Concetta sive Connie mart Anthony Muscat, Maria Dolores sive Doris mart Edgar Azzopardi, Anne mart Alfred Mamo, Charles, Joseph u Bonaventura sive Arthur (ID nru 0100654 M) ilkoll ahwa Farruga**

**Vs**

**Anthony Carbonaro**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' dik is-somma li llikwidata u jinghata kumpens ghall-okkupazzjoni llegali da parti tal-konvenut previa dikjarazzjoni illi l-konvenut ghandu jhallas kumpens lill-atturi talli okkupa l-fond numru 48, Sprin Street, Bugibba, illegalment u abbusivament, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u dana kif ikkonermat bis-sahha ta' sentenza

moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta’ April 2004 fil-kawza fl-ismijiet *« Maria Concetta sive Connie Muscat et vs Anthony Carbonaro »* (Avviz numru 388/94 JAB), u liema kumpens hu dovut ghall-perjodu bejn l-14 ta’ Settembru 1992 sad-data li fiha giet irritornata c-cavetta tal-istess fond lill-atturi u cjoe’ sat-22 ta’ Gunju 2004 ;

Prevja li tillikwida okkorrento bl-opera ta’ periti nominandi, dan il-kumpens gust dovut mill-konvenuti lill-atturi ghall-perijodu illi fih l-istess konvenut baqa’ in okkupazzjoni illegali ta’ l-istess imsemmi fond.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u ghall-fini tal-kompetenza l-atturi kienu ddikjaraw illi l-valur tal-pretensjoni taghhom ma’ teccedix l-hames’ t elef lira Maltin (LM 5,000).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi :

1 Fl-ewwel lok l-azzjoni jew parti minnha tinsab preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-kodici civili ;

2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-azzjoni jew parti minnha hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2154 (1) tal-Kodici Civili u tal-Artikolu 688 (e) abbinat mal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ;

3 Fit-tielet lok jigi ddikjarat illi l-konvenut ma’ okkupax il-fond illegalment, abuzivament u minghajr ebda titolu, liema titolu kien wiehed ovvjament prekarju stante s-sentenza fuq imsemmija ;

4 Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, fis-sentenza citata mill-atturi – Avviz 388/94 Maria Concetta sive Connie Muscat et vs Anthony Carbonaro – l-atturi kienu ddikjaraw li l-valur tal-kirja tal-fond ma jeccedix il-mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250) u konsegwentement galadarba huma qieghdin jipproponu l-azzjoni odjerna ghab-bazi tal-imsemmija sentenza, kull

ammont pagabbli mill-eccipjenti ma jistghax jeccedi s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM 250) fis-sena liema kumpens m' ghandux jinghata ghal data li tmur oltre dik li tirrizulta li tkun il-gurnata meta l-eccipjenti jikkonsenja c-cavetta tal-fond in kwistjoni lill-atturi;

5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal ta' llum stess permezz ta' liema l-partijiet qablu illi l-atturi jaccettaw ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghhom is-somma ta' erba' t elef, mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin (LM 4,257) u li l-konvenut ikun obbligat li jhallas dan l-ammont, in kwantu ghal elf u hames mitt lira Maltin (LM 1,500) fi zmien tminn' t ijiem mid-data tas-sentenza u illi jhallas il-bilanc rimanenti fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza u jkunu dekorribbli l-imghaxijiet legali b' effett mil-lum pero' jekk il-konvenut jaghmel il-pagamenti kif obbliga ruhu li jaghmel fi zmien lilu koncess, l-atturi jirrinunzjaw ghall-imghaxijiet illi qeghdin jigu stipulati. In oltre l-partijiet qablu ukoll illi l-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa.

Ghaldaqstant il-Qorti, skond dan il-ftehim li ghamlu l-partijiet qeghdha tilqa' t-talbiet attrici u qeghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' t elef, mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin (LM 4,257) ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha ta' l-atturi, b' dan illi ghandu jhallas elf u hames mitt lira Maltin (LM 1,500) minn din is-somma fi zmien tminn' t ijiem mil-lum u l-bilanc ghandu jithallas fi zmien sitt xhur mil-lum.

Bl-imghaxxijiet ikunu dekorribbli b' effett mil-lum, salv illi jekk dawn il-pagamenti dovuti mill-konvenut isiru fiz-zmien li qed jigi stipulati f' din is-sentenza l-attur ma' jkollux dritt ghall-imghaxijiet.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------